**IS-SILLABU TAĊ-ĊES (2011)**

| | |
|---|---|
| **IL-MALTI** | **ĊES 22** |
| ***IS-SILLABU*** | |

**Is-Sillabu tal-Malti ĊES 22**

Isir f'Settembru wkoll: (L-1 Karta u t-2 Karta B)

L-1 Karta:Orali/Taħdita/Smigħ (15min)+Kitba u Għarfien il-Lingwa(1 3/4 ta' siegħa) +
It-2 Karta (A u B): Kitba u Għarfien tal-Lingwa (sagħtejn).

**Ir-Razzjonal**

Il-kandidati jiġu eżaminati fl-ilsien u l-letteratura Maltija għal dawn ir-raġunijiet:

- Il-Malti jiġbor fih identità lingwistika u kulturali li l-poplu Malti sawwar u għadu qiegħed isawwar fi proċess kontinwu.
- Il-Malti huwa mezz ta' komunikazzjoni u interazzjoni.
- Il-Malti huwa għodda ta' kreattività u estetika letterarja.

**L-Għanijiet**

Dan l-eżami qiegħed isir biex:

- Nagħrfu l-livelli varji tal-kandidati fl-għarfien tagħhom f'dik li hija identità lingwistika Maltija fit-tifsira wiesgħa tagħha.
- Nagħrfu l-livelli varji tal-kandidati fil-ħila komunikattiva tagħhom bil-Malti skond ir-reġistru u l-format li tkun titlob is-sitwazzjoni
- Nagħrfu l-livell tal-kandidati fil-ħila tal-għarfien, l-apprezzament u l-analiżi kritika ta' testi letterarji.

**L-Oġġettivi**

F'dan l-eżami l-kandidat jiġi ttestjat u assessjat f'dawn l-oqsma:

**A. L-ewwel karta - L-Oral - Qari/Taħdit/Għarfien Kulturali**

- Il-ħila li jaqra, jifhem u jinterpreta test bil-Malti.
- Il-ħila li jagħraf, jifhem u jinterpreta aspetti speċifiċi tal-kultura Maltija.

**B. L-ewwel karta - Kitba u Għarfien il-Lingwa**

- Juri li fehem test ta' kitba bil-Malti billi jwieġeb mistoqsijiet ta' xeħta referenzjali u inferenzjali.
- Jagħraf il-lingwa fl-aspetti varji tagħha billi jwieġeb mistoqsijiet ta' grammatika, morfoloġija, testwalità, lessiku u sintassi.
- Jagħraf jinterpreta l-aspett simboliku tal-lingwa b'referenza speċjali għal ġemgħat speċifiċi ta' idjomi u qwiel u fl-istess ħin jagħti tagħrif dwarhom.
- Juri l-ħila fil-kitba tal-Malti komunikattiv b'referenza speċifika għall-kitba ta' varjetajiet ta' ittri qosra, rapporti, għoti ta' direzzjonijiet u struzzjonijiet, kitba ta' riklami, taqsiriet ta' diskorsi/kitbiet bil-Malti.
- Juri l-ħila/kompetenza fil-kitba kreattiva billi jikteb dwar xi wieħed minn dawn il-forom ta' kitbiet: komponiment, djalogu/intervista u taħdita

**It-Tieni Karta A u B - Qari u Analiżi tal-Letteratura**

| It-Tieni Karta A | It-Tieni Karta B |
|---|---|
| *Permezz tal-mistoqsija dwar ir-Referenza għall-Kuntest il-kandidati juru li:* | |
| • Għandhom l-ħila jifhmu parti minn silta ta' test/test sħiħ li tkun diġa' saret preparazzjoni fih | • Għandhom l-ħila jifhmu parti minn silta ta' test/test sħiħ li tkun diġa' saret preparazzjoni fih |
| • Jifhmu is-silta tat-test mogħtija fil-kuntest tat-test sħIħ | |
| • Janalizzaw il-kontenut, l-istil, ix-xejriet letterarji u l-metrika tal-poeżija waħedha | • Janalizzaw il-kontenut, l-istil, ix-xejriet letterarji u l-metrika tas-silta tal-poeżija/poeżija sħiħa li jkun ingħata |
| • Janalizzaw I l-kontenut, l-istil u x-xejriet letterarji tas-silta ta' proża/test ta' proża waħdu | |
| • Iqabblu it-test (poeżija/proża) ma' testi (poeżiji/ /siltiet/test ta' proża) oħra | |
| | |
| *Permezz tal-mistoqsija ġenerali dwar il-Letteratura:* | |
| • Il-kandidati juru l-ħila li kappaċI jiktbu esej fit-tul dwar aspetti tematiċI u letterarji ta' ġemgħat ta' testi ta' proża u/jew poeżiji speċifiċI | |

| | |
|---|---|
| • Il-kandidati juru l-ħila fl-analiżi tat-testi tal-ġemgħat mogħtija kemm waħedhom kif ukoll f'relazzjoni bejniethom | • Il-kandidati juru l-ħila li kapaċi jirreferu għat-testi (poeżiji/siltiet ta' proża/proża) fil-ġemgħat mogħtija. |

- Juri l-ħila li għandu ħakma tajba ta' l-ilsien Malti b'mod speċjali f'dik li hija <u>*ortografija*</u>, skond l-aħħar aġġornamenti ta' l-Akkademja tal-Malti, vokabolarju, sintassi u preżentazzjoni matul l-eżami <u>*kollu*</u>.

**L-Iskema ta' l-Eżami**
Jingħataw żewġ karti ta' sagħtejn il-waħda. Fil-kitba l-kandidati jridu jimxu ma' l-aħħar aġġornamenti ta' l-Akkademja tal-Malti.

L-Ewwel Karta: ***Din tinħadem mill-kandidati kollha.*** Din tkun tikkonsisti minn żewġ taqsimiet:

1. L-Oral - Qari/Taħdit/Għarfien Kulturali
2. Kitba u Għarfien tal-Lingwa

It-Tieni Karta: Ikun hemm żewġ verżjonijiet ta' din il-karta, **It-Tieni Karta A** jew **It-Tieni Karta B**.
It-Tieni Karta A jkun fiha mistoqsijiet li jeħtieġu livell ogħla ta' preparazzjoni mit-Tieni Karta B.
Il-kandidati jridu juru fuq l-applikazzjoni tagħhom liema verżjoni tat-Tieni Karta jixtiequ jagħmlu.
Ma jitħallewx jibdlu l-għażla tagħhom wara li jagħlaq il-perijodu tar-reġistrazzjoni.

**Riżultati**
Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta A jistgħu jiksbu minn Grad 1 sa 5 (jiġifieri Gradi 1, 2, 3, 4, 5). Min iġib inqas minn Grad 5 jibqa' U (Unclassified).

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B jistgħu jiksbu grad li ma jkunx ogħla minn Grad 4 (jiġifieri, il-Gradi 4, 5, 6, 7). Min ma jġibx Grad 7 jkollu U (Unclassified).

**Xi jfissru l-Gradi**

**Il-kandidat juri:**

| | |
|---|---|
| Livell **gћoli ħafna** :<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• fil-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• fil-fehim u l-analiżi tal-letteratura<br>• fil-ħila tal-ħakma tal-kontenut<br>• fil-ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• fil-ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 1** |
| Livell **għoli** :<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• fil-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• fil-fehim u l-analiżi tal-letteratura<br>• fil-ħila tal-ħakma tal-kontenut<br>• fil-ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• fil-ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 2** |
| Livell **tajjeb ħafna**<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• il-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• il-fehim u l-analiżi tal-letteratura<br>• ħila tal-ħakma tal-kontenut<br>• ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 3** |
| Livell **tajjeb**<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• il-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• il-fehim u l-analiżi tal-letteratura<br>• ħila tal-ħakma tal-kontenut<br>• ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 4** |

| | |
|---|---|
| Livell **<u>mhux ħażin</u>**<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• il-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• il-fehim tal-letteratura<br>• ħila tal-ħakma tal-kontenut<br>• ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 5** |
| Livell ta' **<u>ħila ċertifikabbli</u>**<br>*(Dan il-grad juri li potenzjalment il-kandidat għandu livell bażiku li b'daqsxejn sforz u prattika jista' jwasslu biex jilħaq livell ogħla.)*<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• il-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• il-fehim tal-letteratura<br>• ħila tal-ħakma tal-kontenut<br>• ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 6** |
| Livell ta' **<u>ħila ċertifikabbli b'daqsxejn aktar sforz u prattika</u>**<br>*(Dan il-grad juri li potenzjalment il-kandidat għandu livell bażiku li b' <u>aktar</u> sforz u prattika jista' jwasslu biex jilħaq livell ogħla.)*<br>• fil-ħiliet tal-qari, taħdit u għarfien kulturali<br>• il-kitba u l-għarfien tal-lingwa<br>• il-fehim tal-letteratura<br>• ħila tal-ħakma u l-preżentazzjoni tal-kontenut<br>• ħila fl-istil ta' kif jippreżenta l-kontenut<br>• ħila fil-ħakma ta' l-ortografija | **Grad 7** |

Il-livell li jinkiseb f'kull grad mill-1 sas-7, jingħata b'mod kumplessiv u għalhekk il-kandidat jista' jkollu livelli varji fil-ħiliet u l-kompetenzi assessjati.

## A. L-Ewwel Karta - L-Oral - Qari/Taħdit/Għarfien Kulturali

| | It-tip ta' mistoqsija | }iliet/Kompetenzi Assessjati | Deskrizzjoni tat-tipi tal-mistoqsijiet | Marki |
|---|---|---|---|---|
| **1.** | • Qari ta' test bil-Malti (li jista' jkun minn reġistri varji: lettera-tura,rapporti eċċ.)<br>• l-għoti tal-punti ewlenin ta' dan l-istess test *u/jew* l-interpretazzjoni tat-test.[1] | Il-ħila u l-kompetenza fil-qari tat-test inkwistjoni kif ukoll fl-għarfien u l-interpretazzjoni ta' l-istess test ***b'Malti mitkellem tajjeb.*** | • Aqra t-test li għandek quddiemek.<br>• Għid fi kliemek it-test li għadek kif qrajt u/jew wieġeb dawn il-mistoqsijiet biex turi li inti fhimt u taf tinterpreta t-test li għadek kif qrajt ***b'Malti mitkellem tajjeb.***[2] | **6**<br>(Dawn jinqasmu 3 marki għall-qari *u* 3 marki għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.) |

1 Għal dan l-eżerċizzju l-eżaminatur ikollu quddiemu għażla ta' ħames (5 ) testi wiċċhom 'l isfel li l-kandidat jagħżel wieħed minnhom. Xi wħud minn dawn it-testi jinbidlu minn jum għall-ieħor.

2 L-Eżaminatur jingħata għadd ta' mistoqsijiet li bihom ikun jista' jgħin lill-kandidat joħroġ il-punti ewlenin imma jkun ħieles li jaddattahom biex joħroġ l-aħjar riżultat mill-kandidat li jkollu quddiemu.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **2.** | Għoti ta' tagħrif u nebħ/ideat dwar aspetti ta' identità Maltija | Tagħrif, fehim u interpretazzjoni tal-komponent lingwistiku/kulturali Malti.[3]<br>It-tieni komponent ta' l-oral (lingwa u kultura) għandu jkollu l-użu ta' stampa/i u/jew pittura/i<br>u/jew ritratt/i bħala spunt għad-diskussjoni mal-kandidat/a.<br>Jitħejjew minn qabel 3 jew 4 mistoqsijiet b'rabta ma' l-għażla ta' stampa/i, pittura/i, ritratt/i b'tali mod li jistimulaw it-taħdit waqt l-oral.<br>L-istampa/i, il-pittura/i, u/jew ir-ritratt/i jista' jkollhom kapxin jew titlu. | **Il-Lingwa**<br>Isiru mistoqsijiet ta' ***<u>xeħta ġenerali</u>*** dwar l-esperjenza tal-lingwa fil-kuntest Malti:<br>• mill-aspett storiku<br>Għal dan il-għan il-mistoqsijiet ikunu dwar kif żviluppa u evolva l-ilsien Malti b'referenza għall-elementi li jsawru lsienna jiġifieri l-element:<br>• Semitiku<br>• Rumanz<br>• Ingliż<br>*u/jew*<br>• mill-aspett ta' żmienna.<br>Il-lingwi li nitkellmu u aħna mdawrin bihom fid-dinja ta' żmienna b'referenza partikolari għal:<br>• Il-Malti,<br>• L-Ingliż<br>• It-Taljan u/jew lingwi oħra li l-kandidat ikun irid jitkellem dwarhom.<br><br>**Il-Kultura**<br>Isiru mistoqsijiet ta' ***<u>xeħta ġenerali</u>*** dwar l-esperjenza kulturali fil-kuntest Malti<br>• mill-aspett folkloristiku<br>Għal dan il-għan il-mistoqsijiet ikunu dwar dawn id-drawwiet folkloristiċi Maltin:<br>• l-għana<br>• il-passatempi u logħob tradizzjonali<br>• il-ħrejjef u l-leġġendi<br>• xogħlijiet, snajja' u professjonijiet<br>• ir-riti tal-passaġġ (drawwiet li għandhom x'jaqsmu mat-twelid, il-pubertà, iż-żwieġ u l-mewt) | **9**<br>(Dawn jinqasmu 3 marki għat-tagħrif;<br>3 marki għall-għarfien *u*<br>l-interpretazzjoni; 3 marki għall-mod kif il-kandidat jesprimi ruħu bil-Malti f'dik li hija intonazzjoniħakma tal-kelma, l-idjoma u s-sintassi.) |

[3] L-e\aminatur ikollu quddiemu sett ta' mistoqsijiet spe`ifi`i li g]andhom jg]inuh biex ji\viluppa d-diskussjoni. Il-mistoqsijiet ikunu kemm dwar il-lingwa kif ukoll dwar il-kultura kif spjegati f'dan is-sillabu. Il-kandidati g]andhom ikunu m]ejjija fi\-\ew[ komponenti

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | u/jew<br>• dwar dawn l-istess komponenti kulturali fi żmienna jiġifieri:<br>    • il-mużika ta' żmienna<br>    • il-passatempi u sports<br>    • ir-raħal/belt fejn tgħix<br>    • xogħlijiet, snajja' u professjonijiet<br>    • ir-riti tal-passaġġ (xi jsir fi żmienna fl-okkażjoni tat-twelid, il-pubertà, iż-żwieġ u l-mewt) | |

**B. L-Ewwel Karta - Kitba u Għarfien tal-Lingwa**

| | **It-tip ta' mistoqsija**[4] | **}iliet/Kompetenzi Assessjati** | **Deskrizzjoni tat-tipi tal-mistoqsijiet** | **Marki** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Mistoqsijiet dwar silta | Fehim it-test | Mistoqsijiet gradati ta' xeħta referenzjali u inferenzjali dwar il-kontenut/il-linja ta' l-istorja ta' test 'validu'. | 12 |
| 2. | Mistoqsijiet dwar il-lingwa | L-għarfien tal-lingwa fl-aspetti varji tagħha | a) Mistoqsijiet marbuta mas-silta ta' fuq kif ukoll oħrajn għal rashom<br>b) grammatika eż. l-aġġettivi, in-nomi, il-verbi<br>ċ) morfoloġija eż. mistoqsijiet dwar l-għerq, iz-zokk morfemiku<br>d) testwalità eż. mistoqsijiet dwar il-koeżjoni, il-koerenza, is-sekwenzjalità, is-semantika, l-*ellipsis* eċċ.<br>e) lessiku eż. mistoqsijiet dwar il-kliem<br>f) sintassi eż. mistoqsijiet dwar il-binja tas-sentenzi, trasformazzjoni ta' sentenzi. | 30 |
| 3. | Mistoqsijiet dwar il-qawl u l-idjoma | L-aspett 'simboliku' fl-isfond lingwistiku kulturali. | Mistoqsijiet dwar idjomi u qwiel mis-silta ewlenija/siltiet oħra kif ukoll dwar ġemgħat tematiċi ta' idjomi u qwiel speċifiċi. [5]<br><br>Dawn huma:<br>• **Idjomi:**<br>a) Kuluri<br>b) Iż-żmien u l-ħin<br>ċ) Persuni u Familjari<br>d) Alla u R-Reliġjon<br>e) Annimali<br>f) L-elementi | 8 |

[4] Sakemm huwa possibbli din il-karta jkun fiha g]anqbuta ta' temi/qag]diet/sitwazzjonijiet/ideat/'valuri' marbuta ma' xulxin matul il-karta kollha. Dan g]andu jg]in biex il-karta ta' l-e\ami tkun g]odda ta' assessjar li jorbot mal-metodolo[ija ta' tag]lim f'kuntest testwali, lingwistiku, tematiku u kulturali.

[5] Dawn il-[emg]at temati`i ta' idjomi u qwiel g]andhom ji[u studjati b]ala [emg]at ta' komponenti kulturali li jitfg]u dawl fuq il-mod kif il-Maltin sawru l-kun`etti, l-ideat u l-]sibijiet tag]hom

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 4. | Mistoqsijiet dwar il-ħiliet fil-Malti Komunikattiv | Il-ħila li wieħed jikkomunika bil-Malti f'sitwazzjonijiet speċifiċi | • **Qwiel:**<br><br>a) Alla<br>b) Tama u Sabar<br>ċ) Għaġġla u n-Nuqqas ta' }sieb<br>d) Xiri u Negozju<br>e) Għerf Prattiku<br>f) Is-Saħħa<br><br>Mistoqsijiet dwar ll-Malti bħala għodda ta' komunikazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' lingwa bħal ngħidu aħna klinika, bank, uffiċċju eċċ. Dawn jinkludu:<br>• kitba ta' ittri personali<br>• tweġib għal ittri personali<br>• ittri informali<br>• tweġib għal ittri informali<br>• rapporti dwar sitwazzjonijiet/qagħdiet<br>• għoti ta' direzzjonijiet<br>• għoti ta' struzzjonijiet<br>• kitba ta' riklam/i<br>• taqsiriet ta' diskorsi/kitbiet bil-Malti | 10 |
| 5. | Komponiment | Il-ħila li wieħed jikteb b'mod kreattiv. | Il-kandidati jingħataw erba' titli ta' komponiment. Wieħed ta' xejra narrattiva. Wieħed ta' xejra deskrittiva. Wieħed ta' xejra argumentattiva. Wieħed ta' xejra espożitorja.<br><br>Il-mistoqsija tista' għalhekk tinkludi fiha wħud minn dawn:<br>• komponiment deskrittiv eż. persuna, xena, ambjent<br>• komponiment narrattiv eż. storja fil-ħajja, storja ta' ktieb, dramm jew film<br>• komponiment argumentattiv eż. vantaġġi u żvantaġġi, opinjonijiet<br>• djalogu eż. bejn omm u bint , siġra u spekulatur ta' l-art<br>• taħdita formali eż. għal Jum l-Ambjent<br>• taħdita informali eż. fl-okkażjoni ta' għeluq snin xi ħadd<br>• intervista | 25 |

**A. - It-Tieni Karta - 1 (a) u 1 (b) - Qari u Analiżi tal-Letteratura**

| | | | **It-Tieni Karta A** | **It-Tieni Karta B** | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **It-tip ta' Mistoqsija** | **Ħiliet/ Kompetenzi Assessjati** | **Deskrizzjoni tat-tip tal-mistoqsijiet** | | **Marki** |
| 1 (a) | Referenza għall-Kuntest - Poeżija | Il-fehim u l-analiżi ta' test poetiku | Żewġ mistoqsijiet dwar żewġ siltiet ta' poeżiji li minnhom trid tintwieġeb waħda dwar:<br>• il-kontenut<br>• l-istil<br>• ix-xejriet letterarji<br>• il-metrika<br>b'referenza:<br>• għas-silta inkwistjoni<br>• għall-poeżija kollha<br>• għal taqbil ma' testi oħra ta' poeżija u proża | Żewġ mistoqsijiet dwar żewġ siltiet ta' poeżiji/poeżiji sħaħ li minnhom trid tintwieġeb waħda dwar:<br>• il-kontenut<br>• l-istil<br>• ix-xejriet letterarji<br>• il-metrika<br>b'referenza<br>• għas-silta inkwistjoni/il-poeżija sħiħa li jkollhom quddiemhom | 15 |
| 1 (b) | Referenza għall-kuntest - Proża | Il-fehim u l-analiżi ta' test ta' proża | Żewġ mistoqsijiet dwar żewġ siltiet ta' proża li minnhom trid tintwieġeb waħda dwar:<br>• il-kontenut<br>• l-istil<br>• ix-xejriet letterarji<br>b'referenza:<br>• għas-silta inkwistjoni<br>• għas-silta/test sħiħ ta' proża kollu<br>• għal taqbil ma' testi oħra ta' poeżija u proża | Żewġ mistoqsijiet dwar żewġ siltiet ta' proża/test sħiħ ta' proża li minnhom trid tintwieġeb waħda dwar:<br>• il-kontenut<br>• l-istil<br>• ix-xejriet letterarji<br>• b'referenza:<br>• għas-silta inkwistjoni/it-test sħiħ<br>• ta'proża li jkollhom quddiemhom | 15 |

**<u>B. It-Tieni Karta - 2(a) u 2(b) - Qari u Analiżi tal-Letteratura</u>**

| | | | **It-Tieni Karta A** | **It-Tieni Karta B** | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **It-Tip ta' mistoqsija** | **}iliet/Kompetenzi Assessjati** | **Deskrizzjoni tat-tipi tal-Mistoqsijiet** | | **Marki** |
| 2(a) | Mistoqsija ġenerali dwar il-letteratura | Għerf u għarfien (Karta A u B)<br>• Interpretazzjoni u applikazzjoni (Karta A)<br>• Evalwazzjoni<br>• (Karta A) | \|ewġ mistoqsijiet ġenerali dwar<br>• aspetti tematiċi<br>• u letterarji<br>tat-testi ta' proża u/jew poeżiji li minnhom trid tintwieġeb waħda f'madwar 400 kelma billi ssir referenza<br>• għat-tagħrif (knowledge)<br>• l-għarfien (understanding)<br>kif ukoll issir<br>• interpretazzjoni u applikazzjoni<br>• evalwazzjoni tal-ġemgħat tat-testi kemm waħedhom kif ukoll f'relazzjoni bejniethom. | \|ewġ mistoqsijiet ġenerali dwar<br>• aspetti tematiċI<br>• u letterarji<br>tat-testi ta' proża u/jew poeżiji li minnhom trid tintwieġeb waħda f'madwar 200 kelma billi ssir referenza<br>• għat- tagħrif *(knowledge)*<br>• l-għarfien *(understanding)*<br>• evalwazzjoni tal-ġemgħat tat-testi kemm waħedhom kif ukoll f'relazzjoni bejniethom. | 35 |
| 2 (b) | *Trid tintwieġeb mistoqsija waħda minn tnejn fuq l-istess tifsila tal-mistoqsija fit-2 (a)* | | | | *35* |

**<u>IT-TEST magħżul għat-Tieni Karta, A u B huwa: *Qawsalla - Antoloġija tal-Letteratura Maltija, L-Università ta' Malta, 1990*. It-temi magħżula huma kif ġej:</u>**

| **Tema** | **Poeżija / Proża** | **Awtur** | **Paġna** |
|---|---|---|---|
| *1. Il-Protesta* | Malta {enna ta' l-Art | {użeċ Ellul Mercer | 6 |
| | Jum ir-Rebħ | Rużar Briffa | 14 |
| | Tradiment | Victor Fenech | 98 |
| | San Niklaw | Joe Friggieri | 112 |
| | Ir-Raba' ta' Samwel | Frans Sammut | 113 |
| | }itan tas-Sejjieħ | Marjanu Vella | 116 |
| | Iż-\|abra | Victor Fenech | 120 |
| | Ir-Ribelli | J.J. Camilleri | 136 |
| *2. Ir-Rispett fil-Familja* | Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti | {orġ Borg | 139 |
| | Ir-Raġel tal-Klieb | Oliver Friggieri | 146 |
| | *Lullaby* Lil Yevgeny | Mario Azzopardi | 169 |
| | Missier u Iben | Francis Ebejer | 185 |
| | Mur Orqod Binti | Oliver Friggieri | 196 |
| | Demgħat tas-Silġ | Mario Azzopardi | 199 |
| | Sentiment | Philip Sciberras | 213 |
| *3. Tifkiriet* | \|jara lil {esuċ | Dun Karm | 27 |
| | L-Għajn fil-Misraħ | Joe Friggieri | 98 |
| | Il-Vapur ta' l-Art | Kilin | 99 |
| | Ma' l-Ewwel Qtar | Raymond Mahoney | 107 |
| | Tifkiriet ta' Tfuliti | Karmenu Vassallo | 151 |
| | L-Ewwel Darba li Ltqajt Magħha | Trevor Zahra | 180 |
| | Niftakar | Anton Buttigieg | 216 |
| | Darba waħda għad-dawl tal-lampa | Tarcisio Zarb | 250 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *4. {rajja u Identitaċ* | F'}aġar Qim<br>Il-Fidwa tal-Gżejjer<br>Taħt in-Nar<br>Jum ir-Rebħ<br>Il-Għanja tar-Rebħa<br>Rewwixta<br>Il-Mandraġġ<br>Il-Malti - L-Ilsien Nazzjonali Tagħna | {orġ Pisani<br>{użeċ Galea<br>{użeċ Chetcuti<br>Rużar Briffa<br>Dun Karm<br>Oliver Friggieri<br>{użeċ Orlando<br>Manwel Mifsud | 1<br>2<br>11<br>14<br>17<br>19<br>120<br>262 |
| *5. Karattri* | Qasba<br>Mananni<br>Il-{lieda<br>Laqgħa Ma' Poeta<br>Mill-{did Poeta<br>Mass Meeting<br>Dak it-Taraġ<br>Jien Siġra Kbira | Mario Azzopardi<br>{orġ Pisani<br>Wistin Born<br>Frans Sammut<br>Rużar Briffa<br>Lino Spiteri<br>Charles Flores<br>{orġ Borg | 38<br>106<br>170<br>190<br>195<br>203<br>218<br>223 |